31976L0756

27.9.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 262/1

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Lulju 1976

## dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(76/756/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw, *inter alia*, għall-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl;

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa meħtieġ għalhekk li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regolamenti eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]),tiġi introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi ħtiġiet komuni għall-kostruzzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl għandhom ikunu s-suġġett ta' aktar Direttivi speċjali;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tal-verifiki mwettqa minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni; billi, jekk is-sistema għandha taħdem sew, dawn il-ħtiġiet għandhom jiġu applikati mill-istess data,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha li għandha mill-inqas erba' roti u veloċità massima disinjata ta' aktar minn 25km/siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikutura jew għall-forestrija, u vetturi tax-xogħolijiet pubbliċi.

([1]) ĠU Ċ 55, 13.5.1974, p.14.
([2]) ĠU Ċ 109, 19.9.1974, p. 22.
([3]) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

*Artikolu 2*

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet relatati ma' l-istallazzjoni ta'mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl, sew jekk obbligatorji u sew jekk fakoltattivi, elenkati f' 1.5.7 sa 1.5.20 t'L-Anness I jekk dawn huma stallati b'mod konformi mal-ħtiġiet stipulati f'L-Anness I.

*Artikolu 3*

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, reġistrazzjoni, dħul fis-servizz jew użu ta' xi vettura għal raġunijiet relatati ma' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl, sew jekk obbligatorji u sew jekk fakoltattivi, elenkati f' 1.5.7 sa 1.5.20 t'L-Anness I jekk dawn huma stallati b'mod konformi mal-ħtiġiet stipulati f'L-Anness I.

*Artikolu 4*

Stat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li jkun informat dwar kull modifikazzjoni lil xi parti jew karatteristika msemmijin f' 1.1 t'L-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jiddeterminaw jekk għandhomx isiru testijiet oħra fuq it-tip ta' vettura modifikat u jekk għandux isir rapport ġdid. Fejn dawn it-testijiet jiżvelaw nuqqas ta' konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, il-modifikazzjoni m'għandiex tiġi approvata.

*Artikolu 5*

Kull emenda neċessarja sabiex taġġusta l-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jieħdu kont tal-progress tekniku għandha tiġi adottata b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1977 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b' dan.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet b'effett mill-1 ta' Ottubru l-aktar tard. Iżda, sa l-1 ta' Ottubru 1979, Stati Membri ma jistgħux jirrifjutaw approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew nazzjonali għal raġunijiet relatati ma' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl, jekk il-ħtiġiet ta' 4.2.6 t'L-Anness I ma jkunux sodisfatti. Fejn, iżda, l-mezzi msemmija f' 4.2.6 huma mmuntati, dawn għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' dik is-sezzjoni.

2. Ladarba din id-Direttiva tkun ġiet notifikata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-Kummissjoni hija infurmata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha dwar xi abbozzi ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jkun fi ħsiebhom jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. VAN DER STOEL

*ANNESS I*

## STALLAZZJONI TA' MEZZI TA' DAWL U TA' SINJALAZZJONI BID-DAWL

1. DEFINIZZJONIJIET

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1.1. **Tip ta' vettura b'rigward għall-istallazzjoni ta' mezzi dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl**

"Tip ta' vettura b'rigward għall-istallazzjoni ta' mezzi tad-dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl" ifisser vetturi li ma jiddiferixxux f'tali rispetti essenzjali bħal:

1.1.1. in-numru u arranġament tal-mezzi;

1.1.2. in-numru u arranġament tal-mezzi;

dawn li ġejjin huma bl-istess mod ikkunsidrati li m'humiex "vetturi ta' tip differenti": vetturi li jiddiferixxu fi ħdan it-tifsira ta' 1.1.1 u 1.1.2 iżda mhux f'tali mod li jinvolvi tibdil fit-tip, numru, arranġament u visibilità ġeometrika tal-fanali preskritti għat-tip ta' vettura in kwistjoni, u vetturi li fuqhom huma mwaħħlin jew assenti fanali fakoltattivi.

1.2. **Pjan trasvers**

"Pjan trasvers" ifisser pjan vertikali perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

1.3. **Vettura vojta**

"Vettura vojta" ifisser il-vettura f'ordni ta' ħidma, kif definit f' 2.6 ta' l-Anness I, mudell tad-dokument ta' informazzjoni, lid-Direttiva 70/156/KEE.

1.4. **Vettura mgħobbija**

"Vettura mgħobbija" ifisser il-vettura mgħobbija sal-piż teknikament permissibbli, kif mistqarr mill-manifattur, li għandu wkoll jifissa d-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusijiet b'mod konformi mal-metodu deskritt f'Appendiċi 1.

1.5. **Fanal**

"Fanal" ifisser mezz disinjat sabiex jillumina t-triq (*headlamp*) jew sabiex titfa' sinjal ta' dawl. Fanali ta' fuq il-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara u rifletturi tar-rifless għandhom bl-istess mod ikunu kunsidratii bħala fanali.

1.5.1. *Fanali ekwivalenti*

"Fanali ekwivalenti" ifisser fanali li għandhom l-istess funzjoni u awtorizzati fil-pajjiż li fih hija reġistrata l-vettura; dawn il-fanali jista' jkollhom karatteristiċi differenti minn dawk stallati fuq il-vettura meta hija approvata bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan l-Anness.

1.5.2. *Fanali indipendenti*

"Fanali indipendenti" ifisser fanali li għandhom lentijiet separati, sorsi ta' dawl separati u qafas tal-fanali separati.

1.5.3. *Fanali magħqudin*

"Fanali magħqudin" ifisser fanali li għandhom lentijiet separati u sorsi ta' dawl separati, iżda qafas tal- fanali komuni.

1.5.4. *Fanali kombinati*

"Fanali kombinati" ifisser fanali li għandhom lentijiet separati, iżda sorsi ta' dawl u qafas tal- fanali komuni.

1.5.5. *Fanali nkorporati reċiprokament*

"Fanali nkorporati reċiprokament" ifisser mezzi li għandhom sorsi ta' dawl separati (jew sors wieħed ta' dawl li jaħdem f' kundizzjonijiet differenti), lentijiet totalment jew parzjalment komuni u qafas tal-fanali komuni.

1.5.6. *Fanal luminatorju li jista' jinħeba*

"Fanal luminatorju li jista' jinħeba" ifisser *headlamp* kapaċi li tinħeba parzjalment jew kompletament meta ma jkunx fl-użu. Dan ir-riżultat jista' jinkiseb permezz ta' għatu li jista' jitressaq, bi spostament tal-*headlamp* jew b'xi mod xieraq ieħor. It-terminu "*retractable*" jintuża b'mod aktar partikolari sabiex jiddeskrivi fanal li jista' jinħeba li l-ispostament tiegħu jawtorizzah li jiddaħħal fil-karozzerija.

1.5.7. *Headlamp ta' dawl prinċipali*

"*Headlamp* ta' dawl prinċipali" jfisser il-fanal li jintuża sabiex iddawwal t-triq tul distanza twila quddiem il-vettura.

1.5.8. *Headlamp ta' raġġ dipped*

"*Headlamp* ta' raġġ *dipped*" ifisser fanal li jintuża sabiex iddawwal t-triq quddiem il-vettura mingħajr ma tikkawża tgħammix żejjed jew skomdu lix-xufiera li jkunu ġejjin mid-direzzjoni opposta jew nies oħra li jużaw it-triq.

1.5.9. *Fanal taċ-ċpar ta' quddiem*

"Fanal taċ-ċpar ta' quddiem" ifisser il-fanal wżat sabiex jimmeljora l-illuminazzjoni tat-triq f'każ ta' ċpar, borra, maltempati bix-xita jew shab tat-trab.

1.5.10. *Fanal tar-reverse*

"Fanal tar-*reverse*" ifisser il-fanal wżat sabiex iddawwal it-triq wara l-vettura u sabiex javża nies oħra li jużaw it-triq li l-vettura qiegħda tirriversja jew waslet biex tirriversja.

1.5.11. *Fanal ta' indikazzjoni tad-direzzjoni*

"Fanal ta' indikazzjoni tad-direzzjoni" ifisser il-fanal wżat sabiex jindika lil nies oħra li jużaw it-triq li x-xufier jixtieq jibdel id-direzzjoni lejn il-lemin jew lejn ix-xellug.

1.5.12. *Fanal ta' twissija ta' periklu*

"Fanal ta' twissija ta' periklu" ifisser l-operazzjoni simultanju tal-fanali kollha ta' indikazzjoni tad-direzzjoni fuq vettura sabiex jiġbdu l-attenzjoni lill-fatt li l-vettura temporanjament tikkostitwixxi periklu speċjali lil nies oħra li jużaw it-triq.

1.5.13. *Fanal ta' waqfien*

"Fanal ta' waqfien" ifisser il-fanal wżat sabiex jindika lil nies oħra li jużaw it-triq fuq wara tal-vettura li x-xufier ta' din ta' l-aħħar qiegħed japplika l-*brake* tas-servizz.

1.5.14. *Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara*

"Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara" ifisser il-mezz użat sabiex jillumina l-ispazju maħsub sabiex jakkomoda l-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara; jista' jikkonsisti minn diversi elementi ottiċi.

1.5.15. *Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (mal-ġenb)*

"Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (mal-ġenb)" ifisser id-dawl użat sabiex jindika l-presenza u l-wisgħa tal-vettura meta din ta' l-aħħar tidher minn quddiem.

1.5.16. *Fanal tal-pożizzjoni ta' wara (mal-ġenb)*

"Fanal tal-pożizzjoni ta' wara (mal-ġenb)" ifisser id-dawl użat sabiex jindika l-presenza u l-wisgħa tal-vettura meta din ta' l-aħħar tidher minn wara.

1.5.17. *Fanal taċ-ċpar ta' wara*

"Fanal taċ-ċpar ta' wara" ifisser il-fanal wżat sabiex jgħin il-vettura tkun aktar visibbli minn wara fi ċpar dens.

1.5.18. *Fanal ta' pparkjar*

"Fanal ta' pparkjar" ifisser il-fanal wżat sabiex tiġbed l-attenzjoni lill-presenza ta' vettura wieqfa f'żona mibnija. F'dawn iċ-ċirkustanzi tieħu post il-fanali ta' pożizzjoni (mal-ġenb) ta' quddiem u ta' wara

1.5.19. *Fanal li jimmarka t-tmiem tax-xifer*

"Fanal li jimmarka t-tmiem tax-xifer" ifisser il-fanali imwaħħla mat-tarf estrem ta' barra kemm jista' jkun viċin tas-saqaf tal-vettura u maħsub sabiex jindika b'mod ċar il-wisgħa kollu tal-vettura. Dan is-sinjal huwa maħsub, għal ċerti vetturi u l-karrijiet tagħhom, sabiex jikkumplimenta d-dwal ta' pożizzjoni (mal-ġenb) ta' quddiem u ta' wara billi jiġbdu attenzjoni partikolari lejn id-daqs tal-vettura.

1.5.20. *Riflettur tar-rifless*

"Riflettur tar-rifless" ifisser mezz użat sabiex jindika l-presenza ta' vettura permezz tar-rifless ta' dawl ħiereġ minn sors ta' dawl mhux imqabbad mal-vettura, l-osservatur ikun jinsab viċin tas-sors.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva dawn li ġejjin m'humiex ikkunsidrati bħala rifletturi riflessivi:

— pjanċi tar-reġistrazzjoni li jirriflettu lura;

— is-sinjali li jirriflettu lura msemmijin fl-ADR;

— pjanċi oħra u sinjali li jirriflettu lura li għandhom jintużaw sabiex jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' Stat Membru għall-użu b'rigward ta' ċerti kategoriji ta' vetturi u ċerti metodi ta' operazzjoni.

1.6. **Wiċċ illuminatorju ta' fanal**

1.6.1. "Wiċċ illuminatorju ta' mezz ta' dawl" (1.5.7 sa 1.5.10) ifisser il-projezzjoni ortogonali ta' l-apertura sħiħa tar-riflettur fi pjan trasvers. Jekk ħġieġa (jew ħġiġiet) ta' fanal testendi(u) tul parti biss mill-apertura sħiħa tar-riflettur, allura jittieħed kont tal-projezzjoni ta' dik il-parti biss. Fil-każ ta' *headlamp* b'dawl baxx, il-wiċċ illuminatorju huwa limitat għan-naħa tal-*cut-off* mill-projezzjoni apparenti tal-linja tal-*cut off* għal fuq il-lenti. Jekk ir-riflettur u l-ħġieġ huma aġġustabbli, għandu jintuża l-aġġustament medju.

1.6.2. *Wiċċ illuminatorju ta' fanal ta' sinjalazzjoni iżda mhux riflettur tar-rifless.*

"Wiċċ illuminatorju ta' fanal ta' sinjalazzjoni iżda mhux riflettur tar-rifless" (1.5.11 sa 1.5.19) ifisser il-projezzjoni ortogonali tal-fanal fi pjan perpendikolari għall-assi ta' riferenza tiegħu u f'kuntatt mal-wiċċ esterjuri li jarmi d-dawl tal-fanal, din il-projezzjoni tkun imdawwra bit-truf ta' skrinijiet li jinsabu f'dan il-pjan, kull wieħed jippermetti 98 % biss ta' l-intensità luminuża totali tad-dawl sabiex jippersisti fid-direzzjoni ta' l-assi ta' riferenza. Sabiex jiġu determinati l-limiti ta' taħt, ta' fuq u dawk laterali tal-wiċċ luminatorju, għandhom jintużaw biss skrinijiet bi truf orizzontali jew vertikali.

1.6.3. *Wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless*

"Wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless" (1.5.20) ifisser il-wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless fi pjan perpendikolari għall-assi ta' riferenza u mdawwar bi pjanijiet li jmissu t-truf ta' barra tal-wiċċ ta' projezzjoni tad-dawl tar-riflettur tar-riflessi u paralleli ma' dan l-assi. Sabiex jiġu determinati l-limiti ta' taħt, ta' fuq u dawk laterali tal-wiċċ luminatorju, għandhom jintużaw biss pjanijiet orizzontali.

1.6.4. *Wiċċ esterjuri li jarmi d-dawl*

"Wiċċ esterjuri li jarmi d-dawl" għal direzzjoni definita ta' osservazzjoni, ifisser il-projezzjoni ortogonali tal-wiċċ ta' emissjoni ta' dawl fi pjan perpendikolari għad-direzzjoni ta' osservazzjoni (ara t-tpinġija f'Appendiċi 2).

1.7. **Assi ta' riferenza**

"Assi ta' riferenza" ifisser l-assi karatteristiċi tas-sinjal bid-dawl, determinat mill-manifattur għall-użu bħala d-direzzjoni ta' riferenza (H = 0°, V = 0°) għal tikjil fotometriku u meta jkun qiegħed jitwaħħal il-fanal fuq il-vettura.

1.8. **Ċentru ta' riferenza**

"Ċentru ta' riferenza" ifisser l-intersezzjoni ta' l-assi ta' riferenza mal-wiċċ esterjuri li jarmi d-dawl, speċifikat mill-manifattur tal-fanal.

1.9 **Angoli ta' visibilita ġeometrika**

'Angoli ta' viżibilità ġeometrika' ifisser l-angoli li jiddeterminaw il-kamp ta' l-angolu minimu solidu li fih għandu jkun viżibbli l-wiċċ ta' barra tal-fanal li jarmi d-dawl. Dak il-kamp ta' l-angolu solidu huwa determinat mis-segmenti ta' sfera li l-isfera tagħha tikkoinċiedi maċ-ċentru ta' riferenza tal-fanal u l-ekwatur huwa paralleli ma' l-art. Dawn is-segmenti huma determinati f'relazzjoni ma' l-assi ta' riferenza. L-angoli orizzontali β jikkorrespondu ma' l-angoli lonġitudinali u vertikali α mal-latitudni. M'għandu jkun hemm ebda ostaklu fuq in-naħa ta' ġewwa ta' l-angoli ta' viżibilita ġeometrika lill-propagazzjoni ta' dawl minn xi parti tal-wiċċ tal-fanal li jarmi d-dawl. Dan m'għandux japplika għal xi ostakli eżistenti fil-ħin meta l-fanal huwa approvat jekk l-approvazzjoni hija meħtieġa.

1.10. **Tarf ta' barra estrem**

"Tarf ta' barra estrem" fuq kull naħa tal-vettura ifisser il-pjan paralleli mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura li tikkoinċiedi mat-tarf laterali ta' barra, mingħajr ma jingħata każ tal-projezzjoni:

1.10.1. ta' *tyres* viċin tal-punt ta' kuntatt ma' l-art, u konnessjonijiet għall-arloġġi li jirregolaw il-pressjonijiet tat-*tyres*.

1.10.2. ta' kull mezz kontra ż-żlieq li jista' jkun immuntat fuq ir-roti;

1.10.3. ta' mirja li juru fuq wara;

1.10.4. ta' fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni, fanali li jimmarkaw tmiem ix-xifer, fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem u ta' wara (mal-ġenb) u fanali tal-ipparkjar;

1.10.5. ta' siġilli tad-dwana mwaħħlin mal-vettura, u mezzi għall-assigurazzjoni u protezzjoni ta' dawn is-siġilli.

1.11. **Wisgħa totali**

"Wisgħa totali" ifisser id-distanza bejn iż-żewġ pjanijiet vertikali definit f' 1.10.

1.12. **Fanal wieħed**

"Fanal wieħed" ifisser kull kombinazzjoni ta' żewġ fanali jew aktar, sew jekk identiċi jew le, li għandha l-istess funzjoni li tarmi dawl ta' l-istess kulur, jekk ikun fiha mezzi, il-projezzjoni li l-ġabra ta' l-uċuħ tagħha li jarmu d-dawl fi pjan trasvers mogħti tokkupa 60 % jew aktar taż-żonż ta' l-iżgħar rettangolu li jiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet ta' dawk l-uċuħ li jarmu d-dawl, sakemm dik il-kombinazzjoni hi, fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni, approvata bħala fanal wieħed. Din il-kombinazzjoni possibbli ma tapplikax lil *headlamps* ta' dawl prinċipali, *headlamps* ta' dawl baxx u fanali taċ-ċpar ta' quddiem.

1.13. **Żewġ fanali jew numru ta' fanali biż-żewġ**

"Żewġ fanali" jew "numru ta' fanali biż-żewġ" ifisser wiċċ wieħed li jarmi d-dawl fil-forma ta' *band* jekk imqiegħed b'mod simettriku f'relazzjoni mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u li jestendi fuq iż-żewġt iġnub sa mhux anqas minn 300 mm tat-tarf estrem ta' barra tal-vettura, u li jkun twil mhux anqas minn 800mm. L-illuminazzjoni ta' dan il-wiċċ għandha tkun provvduta permezz ta' mhux anqas minn żewġ sorsi tad-dawl imqiegħda kemm jista' jkun viċin possibbli tat-truf tiegħu. Il-wiċċ li jarmi d-dawl jista' jiġi kostitwit minn numru ta' elementi mqiegħdin fejn xulxin bil-kundizzjoni li l-projezzjonijiet tal-ħafna wċuħ individwali li jarmu d-dawl fuq l-istess pjan trasvers jokkupaw mhux anqas minn 60 % taż-żona ta' l-iżgħar rettangolu li jiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet ta' dawk l-uċuħ individwali li jarmu d-dawl.

1.14. **Distanza bejn iż-żewġ fanali**

"Distanza bejn iż-żewġ fanali" li jħarsu fl-istess direzzjoni, ifisser id-distanza bejn il-projezzjonijiet ortogonali fi pjan perpendikolari għall-assi ta' riferenza fuq ix-xfar ta' barra taż-żewġ uċuħ illuminatorji kif definit skond il-każ imsemmi f'1.6.

1.15. **Fanal fakoltattiv**

"Fanal fakoltattiv" ifisser fanal li l-presenza tiegħu a tithalla fid-diskrezzjoni tal-manifattur.

1.16. ***Tell-tale* operazzjonali**

"*Tell-tale* operazzjoniali" ifisser dawl jew mezz tal-ħoss li juri jekk mezz li tħaddem huwiex jaħdem sew jew le.

1.17. ***Tell-tale* ta' ċirkwit magħluq**

"*Tell-tale* ta' ċirkwit magħluq" ifisser dawl li juri li mezz inxtegħel iżda ma jurix jekk huwiex jaħdem sew jew le.

2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' L-KEE

2.1. L-applikazzjoni għall-approvazjoni tat-tip tal-KEE ta' tip ta' vettura b'rigward għall-istallazzjoni ta' mezzi tad-dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl tagħha għandha tkun sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu.

2.2. Għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin bi tlett kopji, u bid-dettalji li ġejjin:

2.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' vettura b'mod konformi mal-punti mniżżlin f' 1.1, flimkien mar-restrizzjonijiet fuq it-tagħbija, partikolarment it-tagħbija massima permissibbli fil-bagoll.

2.2.2. lista ta' mezzi preskritta mill-manifattur għall-armar ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl. Il-lista tista' tinkludi ħafna tipi ta' mezz għal kull operazzjoni. Kull tip għandu jkun identifikat sew (per eżempju marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent, isem il-manifattur, eċċ.). Il-lista tista' tinkludi wkoll id-dettalji addizzjonali li ġejjin b'rispett għal kull operazjoni: "jew mezzi ekwivalenti";

2.2.3. tpinġija tat-tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni bid-dawl komplut, li juri l-pożizzjoni tad-diversi fanali fuq il-vettura;

2.2.4. tpinġija(i) għal kull fanal individwali li juru l-uċuħ illuminatorji kif definit f'1.6.

2.3. Vettura vojta mgħammra b'tagħmir ta' dawl u dak li jagħmel sinjali bid-dawl kif deskritt f' 2.2.2 u rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata, għandha tiġi sottomessa lill-awtorità teknika li tesegwixxi t-testijiet ta' approvazzjoni.

2.4. Id-dokument li hemm provdut għalih f'L-Anness II għandu jkun mehmuż mad-dokument ta' approvazzjoni tat-tip.

3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

3.1. Il-mezzi tad-dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl għandhom ikun imwaħħal b'mod li f'kundizzjonijiet normali ta' l-użu, u minkejja kull tregħid li għalih jista' jkun suġġett, iżommu l-karatteristiċi mqiegħda f'dan l-Anness u jawtorizza li l-vettura tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dan l-Anness. B'mod partikolari, m'għandux ikun possibbli li l-aġġustament tal-fanali jiġi disturbat aċċidentalment.

3.2. Il-fanali illuminatorji deskritti f' 1.5.7, 1.5.8 u 1.5.9 għandhom ikunu mwaħħlin b'mod li montatura korretta ta' l-allinjament tagħhom tista' ssir faċilment.

3.3. Għall-mezzi kollha ta' sinjalazzjoni bid-dawl, li jinkludu dawk imwaħħla fuq il-pjanċi tal-ġnub, l-assi ta' riferenza tal-fanal meta jkun imwaħħal mal-vettura għandu jkun paralleli mal-pjan *bearing* tal-vettura fuq it-triq; b'żieda għal dan, għandu jkun perpendikolari mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura fil-każ ta' rifletturi tar-rifless tal-ġenb u paralleli ma' dak il-pjan fil-każ tal-mezzi l-oħrajn kollha ta' sinjalazzjoni bid-dawl. Għandha tkun permessa tolleranza ta' ± 3° f'kull direzzjoni. B'żieda għal dan, kull struzzjoni speċifika b'rigward it-twaħħil imqiegħed mill-manifattur għandu jkun konformi.

3.4. Fl-assenza ta' ħtiġiet speċifiċi, l-għoli u l-allinjament tad-dwal għandu jiġi ċċekkjat bil-vettura vojta mqiegħda fuq wiċċ ċatt, orizzontali.

3.5. Fl-assenza ta' ħtiġiet speċifiċi, il-fanali li jikkostitwixxu par għandhom:

3.5.1. ikunu mwaħħla mal-vettura b'mod simettriku f'relazzjoni mal-pjan medjan lonġitudinali;

3.5.2. ikunu simettriċi ma' xulxin f'relazzjoni mal-pjan medjan lonġitudinali;

3.5.3. jissodisfaw l-istess karatteristiċi kolorimetriċi;

3.5.4. ikollhom karatteristiċi fotometriċi sostanzjalment identiċi.

3.6. Fuq vetturi li l-forma esterna tagħhom hija assimetrika, dawn il-ħtiġiet għandhom ikunu sodisfatti kemm jista' jkun possibbli.

3.7. Fanali li għandhom funzjonijiet differenti jistgħu jkunu indipendenti jew magħqudin, kombinati jew inkorporati b'mod reċiproku f'mezz wieħed, sakemm kull fanal jikkonforma mal-ħtiġiet li japplikaw għalih.

3.8. L-għoli massimu l-fuq mill-art għandu jitkejjel mill-għola punt u mill-punt minimu mill-aktar punt baxx tal-wiċċ illuminatorju.

3.9. Fl-assenza ta' ħtiġiet speċifiċi l-ebda fanal ħlief il-fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni u s-sinjal ta' twissija ta' azzard m'għandhom jitfgħu dawl li jixgħel u jitfi.

3.10. L-ebda dawl aħmar m'għandu jkun viżibbli minn quddiem u l-ebda dawl abjad ħlief dak tar-rivers m'għandu jkun viżibbli minn wara.

Din il-ħtieġa tiġi kkunsidrata li ntlaħqet jekk:

3.10.1. għall-viżibilità ta' dawl aħmar lejn in-naħa ta' quddiem: m'għandu jkun hemm l-ebda viżibilità diretta ta' dawl aħmar jekk ikun osservat minn osservatur miexi fiż-żona 1 fi pjan trasvers li jinsab 25 m quddiem il-vettura (ara Appendiċi 3, figura 1);

3.10.2. għall-viżibilità ta' dawl abjad lejn in-naħa ta' wara: m'għandu jkun hemm l-ebda viżibilità diretta ta' dawl abjad jekk ikun osservat minn osservatur miexi fiż-żona 2 fi pjan trasvers li jinsab 25 m wara il-vettura (ara Appendiċi 3, figura 2).

3.10.3. Żoni 1 u 2, kif jidhru mill-osservatur, huma limitati fil-pjanijiet rispettivi tagħhom kif ġej:

3.10.3.1. b'rigward l-għoli, b'żewġ pjanijiet orizzontali li huma 1 u 272 m rispettivament 'il fuq mill-art;

3.10.3.2. b'rigward il-wisgħa, b'żewġ pjanijiet vertikali li jagħmlu angolu ta' 15° lejn il-quddiem u wara rispettivament, u barra l-vettura b'riferenza għall-pjan medjan tal-vettura, li jgħaddi mill-punt (jew punti) ta' kuntatt ta' pjanijiet vertikali li huma paralleli mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, u li jillimitaw il-wisgħa totali tal-vettura.

Jekk hemm diversi punti ta' kuntatt, dak li huwa l-aktar 'il quddiem għandu jikkorrispondi mal-pjan ta' quddiem u dak l-aktar lura għandu jikkorrispondi mal-pjan ta' wara.

3.11. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom ikunu mod li l-fanali tal-pożizzjoni (mal-ġenb) ta' quddiem u ta' wara, il-fanali li jimmarkaw it-tmiem tat-tarf jekk jeżistu, u l-fanal tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara jistgħu jinxtegħlu u jintfew biss simultanjament.

3.12. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom ikunu mod li l-*headlamps* ta' dawl ewlieni u dawk ta' dawl baxx, u l-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara ma jistgħux jinxtegħlu sakemm ma jkunux mixgħulin ukoll il-fanali imsemmijin f' 3.11. Din il-ħtieġa m'għandhiex tapplika, iżda, lill-*headlamps* ta' dawl prinċipali jew ta' dawl baxx meta t-twissijiet tagħhom li jarmu d-dawl jixgħelu b'mod intermittenti f'intervalli qosra tal-*headlamps* ta' dawl ewlieni jew jinxtiegħlu b'mod intermittenti f'intervalli qosra tal-*headlamps* ta' dawl baxx jew jinxtiegħlu b'mod alternat f'intervalli qosra ta' *headlamps* ta' dawl ewlieni u ta' dawl baxx.

3.13. Il-kuluri tad-dawl maħruġ mill-fanali jew rifletturi huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Headlamp ta' dawl ewlieni: | Abjad jew isfar selettiv, |
| Headlamp ta' dawl baxx: | Abjad jew isfar selettiv, |
| Fanal taċ-ċpar ta' quddiem: | Abjad jew isfar, |
| Fanal tar-rivers: | Abjad |
| Fanal ta' indikazzjoni tad-direzzjoni: | Ambra |
| Sinjal ta' twissija ta' periklu: | Ambra |
| Fanal ta' waqfien: | Aħmar |
| Fanal tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara: | Abjad |
| Fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (mal-ġenb): | Abjad, isfar selettiv huwa permess jekk il-fanal ta' pożizzjoni ta' quddiem (mal-ġenb) hija inkorporata f'*headlamp* isfar selettiv, |
| Fanal tal-pożizzjoni ta' wara (mal-ġenb): | Aħmar, |
| Fanal taċ-ċpar ta' wara: | Aħmar, |

| | |
|---|---|
| Fanal tal-parkeġġ: | Abjad quddiem, aħmar wara, ambra jekk inkorporat fil-fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni tal-ġenb, |
| Fanali li jimmarkaw it-tmiem tat-tarf: | Abjad quddiem, aħmar wara, |
| Riflettur tar-rifless ta' wara, mhux triangolari: | Aħmar, |
| Rifettur tar-rifless ta' wara, triangolari: | Aħmar, |
| Riflettur tar-rifless ta' quddiem, mhux triangolari ([1]): | Identiku għad-dawl ta' inċidenti, |
| Riflettur tar-rifless tal-ġenb, mhux triangolari: | Ambra. |

([1]) Magħruf ukoll bħala riflettur 'abjad' jew 'ta' bla kulur'

Iżda, sakemm ma japplikawx il-ħtiġiet kollha meħtieġa sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tal-KEE, l-għażla tal-kulur tad-dawl maħruġ mill-*headlamps* ta' dawl ewlieni u dawl baxx u fanali taċ-ċpar ta' quddiem għandha titħalla lill-Istati Membri.

3.14. Il-funzjoni tat-*tell-tales* taċ-ċirkwit magħluq jistgħu jintlaħqu permezz ta' *tell-tales* operazzjonali.

3.15. **Fanali li jinħbew**

3.15.1. Il-ħabi tal-fanali għandu jkun projbit, bl-eċċezzjoni tal-*headlamp* ta' dawl ewlieni, il-*headlamp* ta' dawl baxx u l-fanal taċ-ċpar ta' quddiem, li jistgħu jinħbew meta ma jkunux qiegħdin jintużaw.

3.15.2. Mezz illuminatorju fil-pożizzjoni ta' l-użu għandu jibqa' f'dik il-pożizzjoni jekk in-nuqqas ta' funzjonament riferut f' 3.15.2.1 jiġri waħdu jew flimkien ma' wieħed minn nuqqasijiet ta' funzjonament deskritti f' 3.15.2.2:

3.15.2.1. l-assenza ta' qawwa sabiex jiġi manipulat il-fanal:

3.15.2.2. ksur, impedenza jew *short-circuit* għall-ert fiċ-ċirkwit elettriku, difetti fil-pajpijiet idrawliċi jew pnewmatiċi, *Bowden cables,* solenojdi jew komponenti oħra li jikkontrollaw jew jittrasmettu l-enerġija maħsuba sabiex tattiva l-mezz ta' ħabi.

3.15.3. Fl-eventwalità ta' difett fil-kontroll ta' ħabi, mezz ta' dawl li jinħeba għandu jkun kapaċi li jiġi mressaq fil-pożizzjoni ta' l-użu mingħajr l-għajnuna ta' l-għodda.

3.15.4. Għandu jkun possibbli li jitressaq il-mezz illuminatorju fil-pożizzjoni ta' l-użu u sabiex jinxtegħlu permezz ta' kontroll wieħed, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibilità li jitressqu fil-pożizzjoni ta' l-użu mingħajr ma jinxtegħlu. Iżda, fil-każ ta' *headlamps* ta' dawl ewlieni u ta' dawl baxx magħqudin, il-kontroll imsemmi hawn fuq huwa meħtieġ biss sabiex iħaddem il-*headlamps* ta' dawl baxx.

3.15.5. M'għandux ikun possibbli li, mis-sedil tax-xufier, jitwaqqaf il-moviment b'mod deliberat ta' *headlamps* mixgħulin qabel ma jaslu fil-pożizzjoni ta' l-użu. Jekk hemm perikolu li jitgħammxu għajnejn nies oħra li jużaw it-triq minħabba l-moviment tal-*headlamps,* għandhom jinxtegħlu biss meta jkunu laħqu l-pożizzjoni finali tagħhom.

3.15.6. F'temperaturi ta' – 30 sa ± 50 °Ċ mezz illuminatorju għandu jkun kapaċi li jilħaq il-pożizzjoni miftuħa kollha fi żmiem tliet sekondi mill-operazzjoni inizzjali tal-kontroll.

4. SPEĊIFIKAZZJONIJIET INDIVIDWALI

4.1. ***Headlamp* ta' dawl prinċipali**

4.1.1. *Preżenza*

Obbligatorja fuq vetturi bil-mutur.

Projbiti fuq karrijiet.

4.1.2. *Numru*

Tnejn jew erbgħa

4.1.3. *Arranġament*

L-ebda speċifikikazzjoni individali. (1) Magħruf ukoll bħala riflettur "abjad" jew "mingħajr kulur".

4.1.4. *Pożizzjoni*

4.1.4.1. Wisgħa:

It-truf ta' barra ta' wiċċ illuminatorju m'għandhom fl-ebda każ ikunu aktar viċin tat-tarf estrem ta' barra tal-vettura mit-truf ta' barra tal-wiċċ illuminatorju tal-*headlamps* ta' dawl baxx.

4.1.4.2. Għoli:

L-ebda speċifikazzjoni individali.

4.1.4.3. Tul:

'Il quddiem mill-fus ta' quddiem tal-vettura, u mwaħħal b'tali mod li d-dawl li joħroġ ma jikkawżax skomdu lix-xufier, jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja li juru fuq wara u/jew uċuħ riflessivi oħra tal-vettura.

4.1.5. *Viżibilità ġeometrika*

Il-viżibilità tal-wiċċ illuminatorju, li jinkdludi l-viżibilità tiegħu f'żoni li ma jidhrux li huma lluminati fid-direzzjoni ta' l-osservazzjoni kunsidrata, għandha tkun żgurata fi spazju diverġenti definit permezz ta' linji ġenerati bbażati fuq il-perimetru tal-wiċċ illuminatorju u li jifformaw angolu ta' mhux anqas minn 5° ma' l-assi ta' riferenza tal-*headlamp*.

4.1.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' quddiem

Apparti mill-mezzi meħtieġa sabiex jiġi mantnut l-aġġustament korrett, u fejn hemm żewġ pari ta' *headlmaps,* par wieħed, li jikkonsisti minn *headlamps* li jiffunzjonaw bħala *headlamps* ta' dawl ewlieni biss jistgħu jduru, skond l-angolu ta' *lock* ta' l-istering, madwar assi viċin ħafna tal-vertikal.

4.1.7. *Jistgħu "jingħaqdu"*

mal-*headlamp* ta' dawl baxx u l-fanali l-oħra ta' quddiem.

4.1.8. *Ma jistgħux ikunu "kombinati"*

ma' ebda fanal ieħor.

4.1.9. *Jistgħu jkunu "inkorporati b'mod reċiproku":*

4.1.9.1. mal-*headlamp* ta' dawl baxx, sakemm il-*headlamp* ta' dawl ewlieni ma jdurx skond l-angolu ta' *lock* ta' l-istering;

4.1.9.2. mal-fanal tal-pożizzjoni ta' quddiem (mal-ġenb;

4.1.9.3. mal-fanal taċ-ċpar ta' quddiem;

4.1.9.4. mal-fanal ta' parkeġġ.

4.1.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

4.1.10.1. Il-*headlamps* ta' dawl ewlieni jistgħu jinxtegħlu jew simultanjament jew f'pari. Għat-tibdil minn dawl baxx għad-dawl ewlieni għandhom ikunu mixgħula mill-inqas par wieħed mid-dwal ewlenin. Għat-tibdil mid-dawl ewlieni għad-dawl baxx il-*headlamps* kollha ta' dawl ewlieni għandhom jintfew b'mod simultanju.

4.1.10.2. Id-dwal baxxi jistgħu jibqgħu mixgħulin fl-istess ħin mad-dwal ewlenin.

4.1.11. *Tell-tale ta' ċirkwit magħluq*

Obbligatorju.

4.1.12. *Ħtiġiet oħra*

4.1.12.1. L-intensità minima miġbura tad-dwal tal-*headlamp* li jistgħu jinxtegħlu b'mod simultanju m'għandhiex tkun aktar minn 225 000 cd.

4.1.12.2. L-intensità massima għandha tinkiseb billi jingħaddu flimkien l-intensitajiet minimi individwali mkejjla fil-ħin ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u murija fuq iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni rilevanti.

4.2. ***Headlamp* ta' dawl baxx**

4.2.1. *Preżenza*

Obbligatorja fuq vetturi bil-mutur.

Projbiti fuq karrijiet.

4.2.2. *Numru*

Tnejn.

4.2.3. *Arranġament*

L-ebda speċifikikazzjoni individwali.

4.2.4. *Pożizzjoni*

4.2.4.1. Wisgħa:

It-tarf ta' wiċċ illuminatorju li huwa l-aktar il-bogħod mill-pjan medjan lonġitudinali m'għandux ikun aktar minn 400 mm mit-tarf estrem ta' barra tal-vettura.

It-truf ta' ġewwa ta' l-uċuħ illuminatorji m'għandhom ikunu anqas minn 600 mm 'il bogħod minn xulxin.

4.2.4.2. Għoli:

'Il fuq mill-art: mhux anqas minn 500 mm u mhux aktar minn 1 200 mm.

4.2.4.3. Tul:

Fuq quddiem tal-vettura; din il-ħtieġa tiġi rigwardata bħala sodisfatta jekk id-dawl li joħroġ ma jikkawżax skomdu lix-xufier, jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja li juru fuq wara u/jew uċuħ riflessivi oħra tal-vettura.

4.2.5. *Viżibilità ġeometrika*

Definit mill-angoli α u β kif speċifikat f' 1.9:

α = 15° 'il fuq u l-isfel

β = 45° 'il barra u 'l ġewwa.

Fi ħdan dan il-kamp, kważi l-wiċċ kollu tal-fanal li minnu joħroġ id-dawl għandu jkun viżibbli.

Il-preżenza ta' pjanċi jew affarijiet oħra ta' tagħmir viċin tad-dawl m'għandhiex toħloq effetti sekondari li jikkawżaw skomdu lil nies oħra li jużaw it-triq.

4.2.6. *Allinjament*

4.2.6.1. L-inklinazzjoni vertikali tad-dawl baxx għandha titkejjel taħt kundizzjonijiet statiċi u l-kundizzjonijiet kollha ta' tagħbija definiti f'Appendiċi 1. Fl-istat ta' "vettura vojta" b'persuna waħda fis-sedil tax-xufier, l-inklinazzjoni vertikali inizjali għandha tkun bejn 1 u 1 75 %. Imbagħad għandha tibqa bejn 0 75 u 2 75 % mingħajr aġġustament manwali.

L-aġġustament inizjali għal kull tip ta' vettura għandu jkun espressament stipulat mill-manifattur u għandu jkun indikat fuq pjanċa fuq kull vettura.

4.2.6.2. Il-kundizzjoni ta' qabel tista' tkun sodisfatta permezz ta' mezz li jaħdem fuq il-pożizzjoni relattiva tal-*headlamp* u l-vettura. Fil-każ li dan il-mezz ma jaħdimx, id-dawl m'għandux jirritorna għal pożizzjoni inklinata inqas 'l isfel mill-pożizzjoni tagħha fil-ħin ta' falliment tal-mezz.

4.2.6.2.1. Il-mezz imsemmi f'4.2.6.2 għandu jkun awtomatiku.

4.2.6.2.2. Mezzi li huma aġġustati b'mod manwali, jew kontinwament jew permezz ta' serje ta' posizzjonijiet, għandhom madankollu jkunu permessi, sakemm għandhom pożizzjoni ta' twaqqif fejn il-fanali ikunu jistgħu jitqiegħdu lura għall-allinjament inizjali definit f' 4.2.6.1 permezz tal-viti ta' aġġustament tas-soltu. Dawn il-mezzi aġġustabbli b'mod manwali għandhom ikunu jistgħu jitħaddmu mis-sedil tax-xufier. Mezzi li jistgħu jiġu aġġustati kontinwament għandhom ikollhom marki ta' riferenza li juru l-kundizzjonijiet ewlenin ta' tagħbija.

In-numru ta' posizzjonijiet fuq mezzi aġġustabbli li jaħdmu b'serje ta' posizzjonijiet għandu jkun mod li jiżgura konformità, li jibda minn inklinazzjoni 'l isfel fil-bidu ta' bejn 1 u 1 75 %, bil-varjetà ta' valuri bejn 0 75 u 2 75 % għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija definiti f'Appendiċi 1. Għal dawn il-mezzi, il-kundizzjonijiet ta' tagħbija għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar ħdejn il-kontroll tal-mezz.

4.2.7. *Jistgħu "jingħaqdu"*

mal-*headlamp* ta' dawl ewlieni u l-fanali l-oħra ta' quddiem.

4.2.8. *Ma jistgħux ikunu "kombinati"*

ma' ebda fanal ieħor.

4.2.9. *Jistgħu jkunu "inkorporati b'mod reċiproku":*

4.2.9.1. mal-*headlamp* ta' dawl ewlieni, sakemm dan ta' l-aħħar ma jdurx skond l-angolu ta' *lock* ta' l-istering;

4.2.9.2. mal-fanali l-oħra ta' quddiem.

4.2.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Il-kontroll għat-taqlib għad-dawl baxx għandu jitfi l-*headlamps* ta' dawl ewlieni kollha b'mod simultanju.

Id-dwal baxxi jistgħu jibqgħu mixgħulin fl-istess ħin mad-dwal ewlenin.

4.2.11. *Tell-tale ta' ċirkwit magħluq*

Fakoltattiv.

4.2.12. *Ħtiġiet oħra.*

Il-ħtiġiet ta' 3.5.2 m'għandhom japplikaw għall-*headlamps* ta' dawl baxx.

4.3. **Fanali taċ-ċpar ta' quddiem**

4.3.1. *Preżenza*

Fakoltattivi fuq vetturi bil-mutur.

Projbiti fuq karrijiet.

4.3.2. *Numru*

Tnejn.

4.3.3. *Arranġament*

L-ebda speċifikazzjoni individwali.

4.3.4. *Pożizzjoni*

4.3.4.1. Wisgħa:

Il-punt fuq il-wiċċ illuminatorju li huwa l-aktar 'il bogħod mill-pjan medjan lonġitudinali m'għandux ikun aktar minn 400 mm mit-tarf estrem ta' barra tal-vettura.

4.3.4.2. Għoli:

Mhux anqas minn 250 mm 'il fuq mill-art.

L-ebda punt fuq il-wiċċ illuminatorju m'għandu jkun għola mill-għola punt fuq il-wiċċ luminatorju tal-*headlamp* ta' dawl baxx.

4.3.4.3. Tul:

Fuq quddiem tal-vettura; Din il-ħtieġa tiġi rigwardata bħala sodisfatta jekk id-dawl li joħroġ ma jikkawżax skomdu lix-xufier, jew direttament jew indirettament permezz tal-mirja li juru fuq wara u/jew uċuħ riflessivi oħra tal-vettura.

4.3.5. *Viżibilità ġeometrika*

Definit mill-angoli α u β kif speċifikat f' 1.9:

α = 5° 'il fuq u 'l isfel

β = 45° 'il barra u 10° 'il ġewwa.

4.3.6. *Allinjament*

L-allinjament tal-fanali taċ-ċpar ta' quddiem m'għandhiex tvarja skond l-angolu tal-*lock* ta' l-istering.

Għandhom iħarsu 'l quddiem mingħajr ma jikkawżaw tgħammix fl-għajnejn żejjed jew skomdu lix-xufiera ġejjin mid-direzzjoni opposta u nies oħra li jużaw it-triq.

4.3.7. *Jistgħu "jingħaqdu"*

mal-fanali oħra ta' quddiem.

4.3.8. *Ma jistgħux ikunu "kombinati"*

mal-fanalii oħra ta' quddiem.

4.3.9. *Jistgħu jkunu "inkorporati b'mod reċiproku"*

4.3.9.1. mal-*headlamps* ta' dawl ewlieni, li ma jdurux skond l-angolu ta' *lock* ta' l-istering meta jkun hemm erba' *headlamps*.

